MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 48/1998/1

**Carmelo Stivala**

**v.**

**Ratan Mohnani**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fl-14 ta' Jannar, 1998 Carmelo Stivala ("l-attur/l-appellant") ipprezenta att ta' citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kontra Ratan Mohnani

("il-konvenut/l-appellat") li bih *inter alia* talab li l-konvenut ikun ikkundannat li jizgombra minnufih mill-fond numru 122, The Strand, Gzira, billi l-konvenut ma kienx qieghed ihallas l-ebda kumpens jew kera, lanqas dik il-parti tal-kera li ma kienetx ikkontestata minnu.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza b'diversi eccezzjonijiet fosthom li l-azzjoni odjerna kienet intempestiva peress li t-talba ghall-hlas tal-kera jifforma meritu tal-kawza bejn il-kontendenti fl-ismijiet "Carmelo Stivala v. Ratan Mohnani" (Citazzjoni Nru. 729/95) li kienet tinsab pendenti quddiem din il-Qorti ta' l-Appell.

3. Jirrizulta li din l-imsemmija kawza giet deciza minn din il-Qorti diversament komposta fid-29 ta' Ottubru 1999. Kopja tas-sentenza tinsab esebita a fol. 64 *et sequitur* tal-process.

4. Fil-15 ta' Lulju 2002 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-sentenza taghha li biha filwaqt li ddikkjarat li ma kienetx qeghdha tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu billi dan kien jidher li gie rinunzjat mill-attur, iddisponiet mill-kap ta' l-ispejjez billi ordnat li dawn jithallsu mill-attur.

5. Kopja shiha ta' din is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2002, qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha. Dan qieghed isir ghaliex din is-sentenza fiha riprodotti l-att tac-citazzjoni ta' l-attur kif ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u *in oltre* fiha l-motivazzjonijiet kollha li wasslu lil dik il-Qorti biex tiddeciedi l-kawza bil-mod imsemmi fil-paragrafu precidenti.

## **<u>II. L-APPELL</u>**

6. L-attur hassu aggravat minn din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk huwa intavola rikors ta' appell quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Awwissu 2002. Ir-rikors fih imsemmija dettaljatament l-aggravji li l-appellat ressaq fil-konfront tas-sentenza appellata, u permezz ta' l-istess rikors ta' l-appell l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti joghogobha tirrevoka l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Lulju 2002 u

b'hekk tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

7. Il-konvenut ikkontesta l-appell permezz ta' risposta ta' l-appellipprezentata quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Awwissu 2002. Wara li wiegeb ghall-aggravji kontenuti fir-rikors ta' l-appell in kwistjoni, l-appellat talab li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi billi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet gusta u timmerita konferma.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. Din il-Qorti appuntat l-appell ghas-seduta tal-11 ta' April 2005. Dak inhar dehru d-difensuri tal-partijiet li ttrattaw l-appell u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

9. Il-Qorti tinnota li la l-attur u lanqas il-konvenut ma xehedu f'din il-kawza u lanqas ressqu provi ohra testimonjali. A fol. 21 hemm esebita l-iskrittura tal-lokazzjoni tal-fond in kwistjoni u kif diga` intqal a fol. 64 *et sequitur* tal-process hemm kopja tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, fid-29 ta' Ottubru 1999. Il-kontendenti llimitaw ruhhom ghal dawk il-fatti li jemergu mid-dikjarazzjoni guramentata taghhom meta pprezentaw rispettivament l-att tac-citazzjoni u n-nota ta' l-eccezzjonijiet. Ta' min jghid ukoll illi l-attur ipprezenta diversi dokumenti tal-Qorti li pprecedew il-kawza odjerna. Dawn jinsabu a fol. 33 *et sequitur* tal-process.

10. L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-segwenti:
"Illi d-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ibbazata fuq zewg konsiderazzjonijiet, u cioe` li l-konvenut kellu raguni ma jhallasx ghaliex l-ammont ta' kera dovut ma kienx definittivament stabbilit, u li r-ricezzjoni tal-kera da` parti ta' l-attur minghand il-konvenut kienet timplika rinunzja ta' l-attur tad-drittijiet tieghu f'din il-kawza. Bir-rispett kollu iz-zewg ragunijiet huma zbaljati fil-ligi.

Dwar ir-rinunzja ta' dritt ghal zgumbrament jigi ccarat li r-rinunzji jridu jkunu cari u univoki. Fil-kaz prezenti l-kera kienet dovuta in arretrati u thallset wara li kien hemm decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell dwarha. Tali hlas bl-ebda

mod ma jista’ jimplika rinunzja ghad-drittijiet li kienu twieldu fl-attur minhabba l-morosita` tal-konvenut. L-attur kien qieghed jaccetta dak li kien dritt tieghu li jircievi, u dan ma jimplikax rinunzja ta’ dekadenza li kienet avverat ruhha bin-nuqqas ta’ hlas.

Dwar il-kwistjoni li l-kera ma kien gie definittivament stabbili anke hawn il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett kollu ma kienetx korretta. Ir-realta` kienet li l-kera kien ben stabbilit u l-konvenut ippretenda li ma kellux ihallas il-kera fl-ammont miftiehem. L-attur ghamel kawza ghall-hlas u rebahha. Il-fatt biss li l-konvenut ippretenda li l-kera ma kienx dovut jew li ma kienx dovut fl-ammont finalment gudikat fil-konfront tieghu bl-ebda mod ma jipprovdi gustifikazzjoni ghall-morosita tieghu. Il-morosita ma titnehhix merament ghaliex minn ikollu jaghti jippretendi li ma kienx debitur. Kien ikun mod iehor il-kaz kieku l-ammont dovut ma kienx wiehed likwidu u cert. Pero` fil-kaz prezenti l-ammont kien likwidu, cert u dovut u ghalhekk man-nuqqas ta’ pagament avverat ruhha l-morosita.

Inoltre jigi rilevat ukoll li fil-kaz prezenti si tratta ta’ kirja kummercjali u ghalhekk jopera l-patt kommissorju tacitu. Fil-kaz prezenti l-morosita gabet maghha d-dekadenza. Billi si trattta ta’ obbligazzjoni kummercjali ma tistax jinghata terminu ghall-purgazzjoni tal-mora. Ghalhekk il-konvenut iddekada mil-lokazzjoni irrimedjabbilment.”

11. Fir-risposta tieghu l-appellat jissottometti *inter alia* hekk:
“Illi ta’ min wiehed jinnota mill-ewwel s-sentenza li minnha qed isir [dan l-appell] hija wahda fuq il-kap ta’ l-ispejjez biss u mhux fuq il-mertu. Dan l-appell wara li l-istess attur appellat iddikjara lill-mertu hu ezawriet u ghandha tinghatha sentenza fuq l-ispejjez.

Illi huwa fatt li kien hemm disgwid bejn il-kontendenti dwar il-kera li kellha tithallas mill-konvenut lill-attur. Dan id-disgwid wassal biex giet intavolata kawza quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Civili li giet finalment deciza minn din il-Qorti (ta’ l-Appell) fis-26 ta’ Ottubru 1999. Kien f’din id-

data li gie stabbilit definittivament x'kellha tkun il-kera li kellu jhallas il-konvenut.

Illi matul il-perjodu li fih kienet pendenti il-kawza fuq imsemmija (Stivala v. Mohnani 729/95 GV) l-attur appellant ma kienx jaccetta l-kera offruta u lanqas interpella lill-konvenut appellat biex ihallas il-kera.

Illi l-proceduri odjerni gew intavolati fl-16 ta' Jannar 1998 u cioe` fil-perjodu meta l-kawza l-ohra kienet ghadha pendenti u meta l-attur appellant ma kienx qed jaccetta kera.

Illi meta giet deciza l-ewwel kawza (dik deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Ottubru 1999) saru konteggi bejn il-partijiet u sar il-hlas ta' l-arretrati ta' kera, liema hlas gie accettat mill-attur appellant, tant li l-istess attur appellant ceda l-mertu tal-proceduri odjerni (talba ghal zgumbrament). Rinunzja aktar cara u inekwivoka minn hekk ma jistax ikun hemm.

Illi l-agir ta' l-attur appellant huwa l-ahjar prova ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni odjerna u konsegwentement tal-fatt li l-ispejjez kellhom jigu sopportati mill-attur appellant."

12. Jidher car li l-appellat qieghed jinjora li s-sentenza appellata m'hi xejn hlief sentenza li biha dik il-Qorti ma haditx aktar konjizzjoni tat-talba ta' l-attur billi l-meritu kien jidher li gie rrinunzjat mill-istess attur, u ddisponiet mill-kap ta' l-ispejjez billi deherilha li l-azzjoni ta' l-attur kienet intempestiva u ghalhekk ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

13. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant qieghed jinsisti li l-appellat kien morus fil-pagamenti tal-kera u li wara li giet deciza l-imsemmija kawza mill-Qorti ta' l-Appell huwa, kif kellu d-dritt li jaghmel, kien accetta l-kera stabbilita mill-Qorti. Huwa jsostni li b'hekk ma ppregudikax id-drittijiet tieghu f'din il-kawza ghaliex *si trattava* ta' kera arretrat. Jghid ukoll li huwa qatt ma rrinunzja ghat-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni odjerna u ghalhekk it-talba ghall-

izgumbrament ghandha tintlaqa' minn din il-Qorti ghaliex hawnhekk *si tratta* ta' kirja kummercjali u ghalhekk jopera l-patt kommissjorju tacitu.

14. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jidher car li dawn l-aggravji li qieghed iressaq issa quddiem din il-Qorti l-appellant, m'hemm l-ebda htiega li jigu investigati, jekk jirrizulta li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-attur kien irrinunzja ghall-meritu tal-kawza. Ghalhekk huwa xieraq li jigu ezaminati l-verbali tas-seduti relattivi.

15. A fol. 81 tal-process hemm il-verbal tat-30 ta' Mejju 2001. Dak in-nhar deheru l-partijiet li kienu assistiti mid-difensuri taghhom. Jidher li l-Qorti kienet sejra thalli l-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, li dwarha l-partijiet kienu wkoll issottomettew nota ta' osservazzjonijiet. F'dik is-seduta l-konvenut issottometta li f'dak l-istadju, kien biss ezercizzju akkademiku li tigi investigata l-ewwel eccezzjoni dwar l-allegata inkompetenza ta' l-ewwel Qorti billi l-meritu gie ezawrit. Il-konvenut ivverbalizza li l-attur kien accetta l-kera dovuta sad-data tac-citazzjoni u anke l-kera ghall-perjodi sussegwenti. Dak in-nhar il-kawza giet differita ghal-20 ta' Gunju 2001 sabiex l-attur jikkonsidra l-verbal li gie redatt f'dik is-seduta.

16. Fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2001 deher l-attur u l-konvenut assistit. Il-konvenut talab li jinghata l-fakolta` li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri in vista tal-hlas li sar fil-mori tal-kawza. Il-Qorti irriservat li tipprovdi fuq din it-talba wara li jsir rikors opportun u infatti halliet il-kawza ghall-provvediment ghas-17 ta' Ottubru 2001. Pero`, jirrizulta li aktar tard deher id-difensur ta' l-attur u ddikkjara li *stante* l-pagament tas-sorte, il-meritu kien ezawrit. In vista ta' dik id-dikjarazzjoni il-Qorti halliet il-kawza ghall-istess data, cioe` ghas-17 ta' Ottubru 2001 biex jigi konsidrat il-kap ta' l-ispejjez.

17. Fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru deher id-difensur ta' l-attur u l-konvenut assistit. Dak inhar il-kawza thalliet ghat-28 ta' Novembru 2001 ghall-provvediment opportun. Fis-

seduta tat-28 ta’ Novembru 2001 deheru l-partijiet u l-kawza giet differita ghat-13 ta’ Frar 2002 ghat-trattazzjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

18. Fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2002 deher il-konvenut assistit. Saret it-trattazzjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez mill-istess difensur tal-konvenut. Din it-trattazzjoni giet registrata fuq it-*tape* u t-traskrizzjoni taghha tinsab esebita a fol. 87 *et sequitur* tal-process. Dak inhar l-ewwel Onorabbli Qorti halliet il-kawza ghat-trattazzjoni tad-difensur ta’ l-attur dwar il-kap ta’ l-ispejjez ghal-11 ta’ Marzu 2002.

19. Fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2002, deheru l-partijiet kif ukoll id-difensuri taghhom. Dak inhar id-difensur ta’ l-attur ghamel referenza ghan-nota tieghu a fol. 49 tal-process ghall-fini tal-kap ta’ l-ispejjez. Il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez ghad-29 ta’ April 2002, f’liema data l-ewwel Onorabbli Qorti ippronunzjat is-sentenza taghha.

20. Ghalkemm huwa veru li l-attur qatt ma ceda is-*sorte* permezz ta’ nota *ad hoc*, kif normalment isir, pero` ma jista’ jkun hemm l-ebda dubju li fil-kaz odjern l-attur effettivament irrinunzja ghall-meritu ta’ din il-kawza. Din il-Qorti jidhrilha li tali rinunzja tohrog car mill-kontenut ta’ l-imsemmija verbali, li rregistraw dak li ntqal fl-udjenzi u li sar anke fil-prezenza ta’ l-attur matul diversi udjenzi, u fuq medda ta’ kwazi sena. Infatti l-ewwel verbal li kien isemmi li l-meritu gie ezawrit jirrisali ghat-30 ta’ Mejju 2001 waqt li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti inghatat fil-15 ta’ Lulju 2002. Li kieku sar xi zball f’xi wiehed mill-verbali in kwistjoni, liema zball seta’ forsi ppregudika d-drittijiet ta’ l-attur, l-istess attur kellu ampja opportunita` u zmien biex jirretifika tali zball. Il-fatt li ma sarx hekk, juri bic-car li ma kien hemm l-ebda zball fl-imsemmija verbali registrati mill-ewwel Qorti u li konsegwentement l-ewwel Onorabbli Qorti ma nkorriet fl-ebda skorrettezza meta ddikjarat li l-attur kien jidher li rrinunzja ghall-meritu.

21. F’dawn ic-cirkostanzi m’huwiex lecitu ghall-attur li jerga’ jipprova jaghti l-hajja mill-gdid lit-talbiet kontenuti fl-

att tac-citazzjoni meta huwa stess, *tramite* d-difensur tieghu, kien iddikjara car u tond li l-meritu kien gie ezawrit. Evidentement meta l-attur ircieva l-pagament tal-kera minghand il-konvenut, l-istess attur ghamel ix-xelta tieghu, quddiem l-ewwel Qorti. La darba ghamel hekk, ma setghax jibdielu: *electa una via non datur recursus ad alteram*. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tindaga dwar l-aggravji li qieghed iressaq issa l-appellant dwar l-istess meritu tal-kawza billi dan gie korrettement dikkjarat ezawrit mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Konsegwentement l-appell, in kwantu jirrigwarda is-*sorte*, m'huwiex gustifikat u ma jistax jintlaqa', u jirrazenta l-fieragh.

22. L-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet il-kap ta' l-ispejjez kontra l-attur billi deherilha illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar l-intempestivita` ta' l-azzjoni kienet f'waqtha. Din il-Qorti diga` kkummentat kemm huma skarni l-provi fil-process. Din il-Qorti jidhrilha li s-sottomissjonijiet li ghamel l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu a fol. 49 *et sequitur* tal-process kellhom certu valur. Hemmhekk l-attur elenka diversi fatturi u allega li bejn il-5 ta' Mejju 1997 meta sar l-izbank ta' l-ammonti depozitati u l-14 ta' Jannar 1998 meta giet depozitata il-garanzija bankarja, il-konvenut kien qieghed jiddetjeni u kellu d-dgawdija tal-fond in kwistjoni ghal madwar sentejn u nofs minghajr ma in effetti hallas ebda kumpens jew kera, lanqas ta' dik il-parti tal-kera li ma kienetx qeghdha tigi kontestata minnu. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, kien jinkombi fuq il-konvenut li, jekk ma kienx jaqbel ma' din l-allegazzjoni ta' l-attur, jaghmel id-debiti provi ghaliex il-prova tal-pagament kienet tinkombi fuqu. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li huwa gust li jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

23. Ghal dawn il-motivi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din ma haditx aktar konjizzjoni tal-meritu billi dan kien gie rinunzjat mill-attur, tirrevokaha fejn akkollat l-ispejjez lill-attur u minflok tordna li kemm l-ispejjez ta' l-ewwel istanza u kemm dawk ta' din it-tieni istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Lulju 2002, qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna kawza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------